# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru għaxra (10) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar l-Erbgħa 26 ta' Ġunju 2013, fil-5.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Francis Callus | Sindku |
| | Johan Mula | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Publio Abdilla | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Is-Sindku qal illi l-kap tal-Agones Academy mar jitkellem f'isem il-Kunsill, mingħajr il-kunsens tiegħu meta għamel talba biex jużaw il-grawnd tal-iskola Sekondarja ta' San Benedittu. Peress illi t-tfal ħalsu biex jipparteċipaw fil-kors, l-akkademja trid tħallas għall-użu tal-grawnd. Is-Sindku qal illi qatt ma ta permess biex huma jitkellmu f'isem il-Kunsill biex l-akkademija tiffranka tħallas għall-użu tal-grawnd [ref nr 3.1]. Qal ukoll illi l-KMS bagħtet mistoqsijiet u l-Kunsill wieġeb skond il-politika tal-Kunsill. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi s-sur Warren Muscat kellu jibgħat l-emajl oriġinali lill-Kunsill izda dan qatt ma wasal.

3.2 Is-Sindku ppropona li, issa li l-Kunsill irċieva l-permess għall-bini t'IT Room, nuzaw ix-xibka li se tinqala fuq is-showers minflok ma nixtru waħda ġdida biex nirranġaw ix-xibka tal-wire ta' wara l-lasta [ref 3.2]. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi xorta m'hemmx bizzejjed materjal, waqt li l-kunsillier Publius Abdilla qabel ma kull suġġeriment illi se tgħin biex naqtgħu kull periklu. Is-Sindku ppropona li nħallu li hemm u nagħmlu x-xibka ta' fuq is-showers magħha.

3.3 Is-Sindku qal illi qabad ġuvintur fil-latrina tan-nisa u jemmen illi qed isiru xi abbuzi minn dawn in-nies. Qal illi ra dawn il-guvnotti spiss u diġa mar jitkellem direttament lil pulizija fuqhom, izda m'għandux il-provi li saru xi azzjonijiet illegali s'issa.

3.4 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ilmenta li bilkemm dehru siltiet ta' dak li qal hu fil-Minuti preċedenti. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi jieħu nota ta' dak kollu li jilħaq jisma u li jekk hemm diskors nieqes mill-Minuti dawn huma tort tiegħu izda bl-ebda intenzjoni ma sar dan in-nuqqas. Is-Sindku qal illi l-kunsilliera kollha qegħdin fuq l-istess livell u qabel mal-intervent tal-kunsillier Pietru Pawl Busuttil jekk iħoss illi qal izjed milli hemm imnizzel fil-Minuti

3.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi reġa bagħat reminder lil MEPA [ref 3.4]. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi wieħed mill-imħazen se jagħlaq f'Awwissu.

3.6 Is-Sindku qal illi qed isir ħafna xogħol biex ikun hemm tim għal U13 fin-nursery [ref punt nru 3.5] u biex huma jipparteċipaw fil-League. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi U11 u U13 se jkollhom Leagues dis-sena u mhux turnaments biss.

3.7 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa x'tbezbiza ħa l-persuna li neħħa l-bankijiet tal-Misraħ San Ġużepp minn posthom [ref punt nr 3.6]. Is-Sindku qal illi dan il-persuna ma jerġax jagħmel dak illi għamel.

3.8 Is-Sindku qal illi l-ġita sa' Sqallija kienet suċċess kbir u ħadu pjaċir in-nies [ref punt 3.8].

3.9 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ma rċeviex risposta mill-Malta Council for the Voluntary Sector biex jikkonfermaw jekk jixtiequ jużaw is-sala fil-5 t'Awwissu [ref punt 4.1].

3.10 Is-Sindku qal illi tkellem mas-sur Tony Pace u qallu li ma jaqbilx illi għandna nħallsu għal 1000 kopja tal-produzzjoni tiegħu meta l-maġġoranza ta' kotba se jkunu mqassmin ma' Kunsill oħrajn. Is-

Sindku qal illi nħeġġu l-edukazzjoni u jixtieq illi nippublikaw kopji tal-kotba għall-iskejjel fejn jattendu tfal illi jikkontrebwixxu fil-produzzjoni tal-ktieb, kif ukoll nagħtu ktieb lil kull tifel u tifla li jiġu ppublikati fiha bħala rikonixximent ta' xogħolhom. B'hekk il-Kunsill se jgħin fil-produzzjoni izda mhux se jħallas għal 1000 kopja [ref punt nru. 4.2]. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi 500 kopji se jiswew €108 inqas bil-VAT mhux inkluz.

3.11 Is-Sindku qal illi l-permess għal-IT Room ħareġ [ref punt nru. 4.4] u diġa bdejna l-pedament. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa kemm se tkun l-ispiza. Is-Sindku qal illi l-ispiza se tkun minima għax se nużaw il-ħaddiema tagħna [IPSL] u għandna nħalsu għal materjal u għal min ipoġġi l-madum. Qal illi għandna bzonn Benzo u ċertu għodda. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi hemm persuna li jemmen iħalina nuzaw il-Benzo tiegħu waqt illi avza li jekk naqbzu ċerti somom għandna niġbru kwotazzjonijiet [LM1000 sa LM1999.99] jew tenders [>LM2000]. Issuġġerixxa wkoll illi nuzaw bricks għas-saqaf izda s-Sindku qal illi konkos aħjar.

3.12 Is-Sindku qal illi t-tabella (ta' triq San Ġwann) waslet [ref punt nru 8.4] izda għanda bzonn it-tiswija. Zied illi l-għada tal-laqgħa l-ħaddiem se jirranġa s-sieq biex inkunu nistgħu nwaħħluha. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi ilha nieqsa u għandna nagħġlu.

3.13 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bagħat emajls u ċempel lil MTA biex jara fejn waslu bl-information stands izda qatt ma rċieva risposta [ref punt 8.6]

3.14 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi f'Lulju se jibdew isiru ntervisti mal-anzjani għall-awdjovisual [ref punt 8.7] u ftit wara n-narratur se jibda x-xogħol. Zied illi hemm narratur professjonali li forsi jagħti servizz b'xejn. Qal illi s-sur Pawlu Callus qed jaħdem fuq l-iscript. Il-Viċi Sindku qal ukoll illi għandna nsibu sponsors u bi ħsiebu nsemmuhom fil-credits u fuq il-DVD. Il-Kunsill qabel illi dawk illi jħalsu izjed għandhom jispikkaw iktar. Is-Sindku ppropona li nistaqsu għall-għajnuna ta' min qed jiffilmja l-awdjovisual rigward ammonti li għandna nistaqsu rigward dawn l-isponsors.

3.15 Is-Sindku qal illi għandu l-fatti għal fejn sar it-talb biex inneħħu s-sleeping policeman ta' triq il-Feniċi [ref nru 8.9]. Qal illi sar it-talb issa għaliex resident xtara karozza baxxa. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi kienu kuntenti bl-isleeping policeman u ħadd m'oġġezzjona meta din saret mingħajr il-permess tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel illi l-ebda xogħol m'hu se jsir biex nikkuntentaw lil persuna individwali.

3.16 Is-Sindku qal illi bagħat il-ħaddiema biex iwaħħlu t-tabella one way u ma laħqux dak in-nhar. Għalhekk qal illi dan ix-xogħol se jsir meta nirċievu permess biex isiru l-linji fit-triq u l-ħaddiema jkunu jistgħu jagħmlu ġurnata hemm. Zied illi saru linji sofor mal-kantunieri hemm u fakkar illi skond Transport Malta għandek 4 metri mill-kantuniera sakemm wieħed jista jipparkja. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi hemm problema fil-kantuniera ta' triq San Ġorġ ma triq San Ġwann peress illi yellow lines saru barra l-bieb tad-djar tan-nies. Is-Sindku qal illi prova jagħmilhom mill-koxox tal-bieb biex ma nagħtu fastidju lil ħadd. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi xorta mhumiex perfetti imma aċċetta li s-sitwazzjoni hija aħjar milli kienet qabel. Is-Sindku qal illi almenu issa hemm regola fl-area rigward fejn wieħed jista jipparkja.

3.17 Is-Sindku qal illi l-katnazz tal-grawnd inbidel [ref punt nru 8.11]. Rigward il-pompa tal-ballun qal illi m'hemmx problema bil-pompa izda m'hemmx labra.

3.18 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi fid-9 ta' Lulju ma jistax jattendi l-qorti biex jixhed fil-kaz tal-kunsilliera Johan Mula u Pietru Pawl Busuttil [ref punt rnu 815]. Qal illi mhux se jkun Malta u għandu jibgħat il-provi li se jkun assenti lill-għassa tal-pulizija.

## 4. Korrespondenza

4.1 Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop avżaw illi l-proġett rigward il-kors tal-piroteknika mhux se tkompla jsir. Il-Kunsill kien ħallas ammont ta' €6700 għal dan il-kors u s-Sindku qal illi saru rregolarijiet kbar meta ħarġu t-tender.

4.2 Il-Kunsill irċieva emajl rigward il-possibilita li jsir kors tal-bizzilla ta' ġurnata fis-sala tal-Kunsill f'Ottubru/Novembru. Il-Kunsill jixtieq izjed informazzjoni.

4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv avza li GAL Xlokk irċevew l-applikazzjonijiet tagħna għal fondi għal Skola Sajf u għall-attivita ta' Settembru.

4.4 Il-kumitat tal-Breast Cancer Awareness illi jixtiequ juzaw is-sala fis-16 ta' Settembru qalu li hemm bzonn projector waqt l-attivita tagħhom. Il-kunsilliera qablu li nixtru projector għall-okkazzjonijiet tagħna imma l-projector se jkun fl-IT Room u mhux fis-sala.

**5. Approvazzjoni tal-pagamenti**

5.1 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil xtaq ikun jaf fuq il-payment li sar għal AC's. Is-Sindku qal illi l-AC's fl-uffiċji kellhom bzonn it-tiswija, kif ukoll sar il-ħlas għax-xogħol li għamel l-istess persuna fil-passat għal-fridge.

5.2 Il-kunsilliera qablu, u ffirmaw il-PAS.

**6. Skola Sajf**

6.1 Il-Kunsill qabel fuq l-għalliema u helpers ta' Skola Sajf. Il-helpers se jinbidlu bejn l-ewwel u t-tieni xahar. Is-Sindku qal illi staqsa għas-suġġerimenti tal-koordinatur tal-iskola Sajf rigward l-għażla tagħhom waqt illi qal li ma jistax jagħti vot fuq waħda mill-applikanti għaliex għandu konflitt t'interess. Il-kunsilliera l-oħra kollha qablu li din il-persuna għanda tkun waħda mill-għalliema xorta.

6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm 57 tifel u tifla.

6.3 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi l-formola tal-applikazzjoni għanda tkun izjed 'appealing' u għandna noħorġu l-avviz rigward l-iskema aħjar.

**7. Summer League**

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ħa l-flyers lil ħwienet u bars madwar ir-raħal u ta' Żurrieq imma ħadd m'applika sal-ġurnata tal-laqgħa avolja rċieva emajls għall-informazzjoni. Qal illi għandhom japplikaw sa nhar it-Tnejn 8 ta' Lulju.

7.2 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi l-grupp sportiv se jgħin. Is-Sindku qal illi membri tal-grupp ma jistawx jipparteċipaw. Fuq dan il-punt il-kunsillier Carlo Stivala qal illi diġa hemm membru li ħareġ mill-grupp sa tmiem il-League.

7.3 Is-Sindku qal illi l-persuna li jieħu ħsieb il-grawnd waqt il-League għandu jqis illi jinbidlu l-boroz tal-bins tal-grawnd wara l-logħob.

7.4 Is-Sindku issuġerixxa li nġibu magna tad-drinks u nieħdu 20c għal kull drink li jinxtara mill-magna. Qal illi għanda tkun viċin il-grawnd u hemm bzonn ta' plakka tad-dawl biex taħdem. Il-Kunsill qabel mal-proposta tiegħu. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal li min jieħu ħsieb il-magna għandu jkun raġel u jagħti t-20c għal kull flixkun.

7.5 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi għandna nħallu ġurnata fil-ġimgħa bla logħob tal-League biex residenti tar-raħal jikru l-grawnd.

7.6 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi għandna nagħmlu League b'8 timijiet u ppropona play offs għas-Semi finali

**8. Fuljett**

8.1 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi hemm kumpaniji li ħallasna għal servizzi fil-passat li ma rriklamawx f'edizjonijiet antiki tal-fuljett. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-ewwel jagħti opportunita lill-ħwienet tar-raħal, umbgħad ħwienet viċin Ħal Safi. Jekk hemm spazju fl-edizzjoni li jmiss għandu jitlob lil dawn il-kumpaniji biex jara jekk jixtiequ jirriklamaw.

8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi talab write ups lil individwi biex jiktbu dwar Safi AFC, il-Kunsill Lokali taż-Żagħżagħ, il-ġita sa' Sqallija u write-up tal-Premju Onoreficenza.

8.3 Il-Viċi Sindku Johan Mula fakkar illi għandna nagħmlu l-avviz rigward kollezzjoni partikolari li għandhom residenti fir-raħal u s-sengħa ta' xi artiġjanat u talenti partikulari.

8.4 Il-Viċi Sindku Johan Mula ppropona li niktbu f'liema ġranet il-kennies idur toroq partikulari. Is-Sindku ma qabilx għax fix-xitwa, bir-riħ, l-indafa u x-xogħol mhux se tidher.

**9. Ħwejjeġ oħra**

9.1 Is-Sindku qal illi se nibdew inbajdu ġnien Dun Karm Vella.

9.2 Is-Sindku qal illi sab kompromess biex niftħu uffiċju ta' Labour Office ġor-raħal fejn se juzaw il-kamra tal-Kunsill fejn hemm il-kompjuters antiki. Qal illi għandhom bzonn mejda, desk, locker, linja tat-telefon u internet. Telefon u internet jistgħu juzaw tal-Kunsill waqt illi nistgħu intuhom kompjuter ukoll u għandna nixtru printer partikolari għalihom. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi desks hemm fil-Kunsill u qal illi għandna nitolbu kirja mingħandhom. Is-Sindku ma qabilx għax se jagħtu servizz għar-residenti tagħna. Qal ukoll illi għandhom jibdew f'Lulju u li l-info tagħhom mhux se jkun issejvjat hawn. Il-kunsillier Publius Abdilla qabel mal-proposta imma ma qabilx li għandna nitilfu kamra fil-propjeta tal-Kunsill għalihom. Is-Sindku qal illi xorta se tibqa tagħna l-kamra u files biss se jħallu hawn.

9.3 Is-Sindku qal illi għaddejjin kuntatti mal-Kurja biex jkollna Night Shelter ġor-raħal. Dan għandu jsir fil-Mużew l-antik tas-subien u l-Perit għandu jibgħat stima. Is-Sindku qal jixtieq jikri l-post imma l-kurja trid tbiegħ. Qal illi fiħ ħafna xogħol biex isir l-upgrading. Il-kunsillier Publius Abdilla qabel imma esprima l-opinjoni li wara li ssir il-proġett nagħtu l-handover lil entita privata. Is-Sindku qal illi tkun mal-Gvern u jagħtu servizz tas-sigurta wkoll. Qal li l-Kunsill għandu jwassal, jiftaħ il-post wara nħallu f'idejn id-Dipartiment. Qal ukoll illi l-prijoritajiet huma r-residenti tar-raħal. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal li importanti li nuzaw nies tal-gvern u tal-IPSL u nħallsu biss għall-materjal.

9.4 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi hemm tabella li għanda bzonn it-tiswija bil-bidu tat-triq tal-Karwija u oħra fit-triq Ta' Ġawħar.

9.5 Il-kunsillier Carlo Stivala staqsa jekk il-pjanta li hemm fil-Misraħ għadha tajba? Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil wieġeb li hija msejħa bħala pjanta ta' "San Ġużepp". Is-Sindku qal illi se tinqala mill-post.

9.6 Il-kunsillier Carlo Stivala staqsa jekk inġabar iz-zibel fis-7 ta' Ġunju. Is-Sindku qal illi iz-zibel ma jinġabarx fil-festi [sakemm ma jkunx nhar ta' Sibt, it-Tnejn u l-Erbgħa]

9.7 Il-kunsillier Carlo Stivala ppropona li norganizzaw attivita tal-isparar fir-range ta' Ħal Far. Ippropona li jħallsu xi ħaġa għall-premjijiet. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi kien għamel attivita simili fil-passat u ippropona li r-rebbiegħ jirbaħ Arma/Senter. Staqsa wkoll jekk se tkun organizzata għal

nies mil-lokal biss. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi jemmen illi aħjar nħarsu lejn il-lokal biss imma s-Sindku qal illi hekk ma tantx ikun hemm domanda qawwija. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

9.8 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi huwa ferm importanti li jkun hemm noticeboard imwaħħla fir-raħal. Is-Sindku qal illi din se ssir qabel il-festa imma li għandna prijoritajiet oħrajn.

9.9 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal li l-istorytelling se ssir kull nhar ta' Ħamis bejn is-7pm u 7.30pm. L-għalliema, is-sinjorina Natalie Portelli se jkolla wkoll xi karattri magħha waqt li tgħid l-istejjer.

9.10 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi jixtieq jagħmel mawra madwar Għawdex. Se tkun l-istess bħas-sena l-oħra izda se tiswa €30 u mhux €25 għax se jduru madwar Għawdex ukoll [dan ma kienx inkluz is-sena l-oħra]. Qal illi se jerġgħu jieqfu Kemmuna u ppropona li l-attivita ssir fis-26 ta' Lulju. Qal illi tfal taħt 12 il-sena għandhom jingħataw biljett b'xejn jekk jiġu mal-ġenituri tagħhom.

9.11 Il-Viċi Sindku qal illi hemm bzonn ta' projector għas-Sala. Is-Sindku qal illi nixtru waħda għal IT Room minflok.

9.12 Il-Viċi Sindku Johan Mula staqsa fejn wasalna rigward il-mirja li kienu miksurin madwar ir-raħal. Is-Sindku qal illi ġurnata qabel il-laqgħa konna waħħalna 4 ġodda.

9.13 Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa jekk twaħħlux tabelli ta' CCTV madwar ir-raħal. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi ra xi ftit. Is-Sindku qal illi dawn twaħħlu u se nagħmlu oħra għal triq San Ġorġ. Qal ukoll illi dalwaqt se jitwaħħlu tabelli tal-klieb ["pick up after your dog"].

9.14 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi se jibda jmur kors tal-Accounts tal-Kunsill [għal Management Letter] organizzat minn ANSEK, kull nhar t'Erbgħa filgħodu għal sitt ġimgħat. Il-Kunsill għandu jħallas €60 u mhux €80 għax hu membru tal-Assoċjazzjoni.

9.15 Is-Segretarju Eżekuttiv għamel talba biex il-Kunsill jixtri siġġu għall-uffiċju tiegħu. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

**10. Laqgħa li jmiss**

10.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.15pm.

10.2 Il-laqgħa li jmiss se jsir fid-19 ta' Lulju.

| | |
|---|---|
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Francis Callus | Anthony Attard |